MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 1014/2009

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Argus Insurance Company (Europe) Limited**

**vs**

**Nicholas Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta’ Dicembru 2009, fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ €703.96 (seba’ mija u tlett ewro u sitta u disghin centezmu) rapprezentanti valur zborsat mis-socjeta attrici li ghandu jigi rkuprat mill-istess konvenut in vista tal-fatt li huwa agixxa bi ksur ta’ diversi kondizzjonijiet tal-polza ta’ assikurazzjoni.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ Mandati Kawtelatorji prezentati kontestwalment ma dan l-att u ta’ l-ittri ufficcjali tat-2 ta’

Dicembru 2008 u 11 ta’ Mejju 2009 u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ dana l-att sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni ta’ l-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-17 ta’ Gunju 2010 meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u anqas ghas-seduta ta’ llum meta ghal darba ohra rega ssejjah in subizzjoni u kwindi ghalhekk in-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta’ €703.96 (seba’ mija u tlett ewro u sitta u disghin centezmu) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta’ din l-istanza hekk kif rikjesti kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------